Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 88/2013

**Edmund Barbara**
**(appellant)**

**vs**

**Id-Direttur Ġenerali Taxxa fuq il-Valur Miżjud**
**(appellat)**

5 ta' Novembru, 2018.

1. Din is-sentenza titratta l-appell ta' Edmund Barbara minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tas-7 ta' Novembru 2017 li permezz tagħha ċaħad it-talbiet li saru b'rikors preżentat fl-14 ta' Marzu 2013 *a tenur* tal-Artikolu 44(i) u (j) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Fil-qosor, il-premessi li fuqhom l-appellant ibbaża r-rikors huma s-segwenti:

- fil-21 ta' Ġunju 1999 kien talab rifużjoni ta' taxxa tas-Sisa fl-ammont ta' **€73,619.85** skont ir-Regolamenti dwar is-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali (Leġislazzjoni Sussidjarja 406.01), liema rifużjoni kellha titħallas sat-30 ta' Settembru 1999 skont ir-regolament 10 tal-imsemmija regolamenti;

- fl-20 t' Ottubru 2000 irċieva rifużjoni ta' taxxa fl-ammont ta' **€39,228.98**. Peress li l-ħlas dam biex sar, fis-16 ta' April 2012 irċieva €5,099.92 rappreżentanti imgħax bir-rata ta' 1% (*simple interest*) fuq is-somma ta' €39,228.98;

- fl-10 ta' Jannar 2012 huwa irċieva rifużjoni tal-bilanċ ta' taxxa fl-ammont ta' **€34,398** kif ukoll pagament ta' €50,896 rappreżentanti imgħax bir-rata ta' 1% (*simple interest*);

- kien hemm skambu ta' korrispondenza bejnu u d-Dipartiment permezz ta' liema huwa kkontenda li skont il-liġi u l-prassi tad-

Dipartiment l-imgħax kellu jinħadem bil-metodu ta' *compound interest* mhux *simple interest*, u għalhekk kien għad hemm bilanċ dovut lilu, filwaqt li d-Dipartiment wieġeb li kien ħallas dak li kien dovut;

- meta kien hu li kellu jħallas lid-Dipartiment, l-imgħax inħadem bil-*compound interest* u ġieli rċieva rifużjonijiet maħduma bil-*compound interest*;

- ir-regolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 406.01 jipprovdi li l-imgħax fuq rifużjonijiet mħallsa wara ż-żmien prefiss jiġi kkalkulat bir-rata ta' 1% għal kull żahar jew parti minnu. L-appellant isostni li dan juri li l-metodu ta' kalkolu tal-imgħax huwa ta' '*compound interest*';

3. Talab għalhekk lit-Tribunal:

> *'1. jikkonferma li l-imgħax dovut mid-Direttur Ġenerali intimat lill-esponent fuq l-ammonti dovuti mill-istess Direttur Ġenerali għandu jiġi kkalkulat bil-metodu ta' 'compound interest' u mhux ta' simple interest', u skont il-kalkoli ppreżentati mill-esponent (u mmarkata bħala Dok. A); u għaldaqstant*
> *2. jordna lid-Direttur Ġenerali intimat sabiex iħallas l-ammont dovut lill-esponent sal-ġurnata tad-deċiżjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal (li sat-28 ta' Frar 2013 jammonta għal €91,923 skotn l-annessa skeda mmarkata bħala Dok. A.)'.*

4. Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju appellat, wieġeb illi l-appellant tħallas dak kollu dovut lilu skont il-liġi u l-ebda ammont ulterjuri ma huwa dovut lilu kif minnu allegat. Jgħid li għalhekk it-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda u l-komputazzjoni tal-imgħax kif maħduma minnu, ossija *by simple interest*, ikkonfermata.[1]

5. B'sentenza tas-7 ta' Novembru 2017, it-Tribunal ċaħad it-talbiet tar-rikorrent. Il-konsiderazzjonijiet prinċipali tat-Tribunal huma:

> *'Ir-Regolament 12 tar-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Hlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Hazniet Kummercjali), Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, jipprovdi li jkun dovut mill-Kummissarju lil persuna li jkollu jinghatalha hlas lura skond dawn ir-regolamenti imghax bir-rata ta' 1% ghal kull xahar jew parti minnu mid-data meta l-hlas lura jsir dovut sad-data meta dan jithallas jew meta cheque jew draft ghall-hlas tieghu jinghata jew jigi impustat lil dik il-persuna mill-Kummissarju. Fir-rigward ta' dan il-provvediment tal-Ligi r-Rikorrent jikkontendi li ... dan wahdu diga juri li l-metodu ta' kalkolu ta' l-imghax huwa ta' "compound interest" u mhux ta' "simple interest" ...*

[1] Fol. 14–16.

*It-Tribunal qies bir-reqqa din is-sottomissjoni partikolari tar-Rikorrent izda bl-ebda mod ma jista' jaqbel mieghu li d-dicitura tar-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, partikolarment fejn jinghad li l-imghax jigi komputat bir-rata ta' 1% fix-xahar jew parti minnu, fiha nfisha turi li l-metodu ta' komputazzjoni ta' l-imghax hemm kontemplat huwa dak ta' compound interest.*

*Id-differenza bejn rata ta' imghax ta' 12% fis-sena u rata ta' imghax ta' 1% fix-xahar jew parti minnu essenzjalment hija li fejn ir-rata hija wahda ta' 12% fis-sena, jekk il-pagament jigi effettwat f'nofs xahar partikolari r-rata ghal dak ix-xahar partikolari tinhadem pro rata mentri fejn ir-rata hija wahda ta' 1% fix-xahar jew parti minnu jfisser li anke jekk il-pagament jigi effettwat f'nofs ix-xahar jew addirittura fit-tieni gurnata tax-xahar, ir-rata ta' imghax ma tkunx pro rata izda tapplika r-rata shiha ta' 1%. Biex ikun hemm komputazzjoni a bazi ta' compound interest kif pretiz mir-Rikorrent, l-imghax rizultanti ghall-ewwel xahar fuq is-somma ta' €50 jerga' jizdied mal-kapital u l-imghax ghat-tieni xahar jinhadem fuq il-kapital + l-imghax ta' l-ewwel xahar u l-kalkolu jibqa' sejjer hekk sakemm jigi komputat l-imghax fuq erba' xhur u nofs, li fil-verità huwa fuq hames xhur peress illi r-rata hija ghal kull xahar jew parti minnu.*

*Ezempju semplici ta' dan osservat huwa s-segwenti: jekk is-somma ta' €50 dovuta lil taxpayer tithallas erba' xhur u nofs tard, l-imghax komputat b'rata ta' 12% fis-sena jkun ta' **€2.25** mentri l-imghax komputat b'rata ta' 1% fix-xahar jew parti minnu jkun ta' **€2.50**. Kieku verament kellu jigi adottat il-metodu ta' compound interest kif pretiz mir-Rikorrent – fejn f'dan il-kaz ikun kalkolat kull xahar peress illi r-rata hija ta' 1% fix-xahar jew parti minnu – l-imghax dovut ikun ta' **€2.57**.*

*Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll illi hija prassi tad-Dipartiment li jhallas imghax bil-metodu ta' compound interest meta huwa l-istess Dipartiment li ghandu jaghti refuzjoni lit-taxpayer. Ir-Rikorrent jibbaza din il-pretensjoni fuq ix-xhieda moghtija minn Godwin Valletta, li fiz-zmien kien VAT Inpsector mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u minn Charles Farrugia, li kien l-accountant tieghu, u fuq pagament li gie maghmul lilu fejn skontu d-Dipartiment irrikonoxxa li l-imghax dovut kien effettivament dovut a bazi tal-metodu ta' compound interest u mhux a bazi tal-metodu ta' simple interest.*

*Fir-rigward ir-Rikorrenti jikkontendi li huwa relevanti wkoll li, kif irrizulta mix-xhieda ta' Godwin Valletta, ir-rikorrent f'kaz iehor separat (meta din id-darba kien hu li kellu jiehu ammonti dovuti lilu mid-Dipartiment tal-VAT u kien talab kumpens ghad-differenza fl-imghax dovut lilu mid-Dipartiment, rapprezentanti differenza fil-kalkolu ta' l-imghax bil-metodu ta' 'compound interest' u bil-metodu ta' 'simple interest') id-Dipartiment tal-VAT kien fil-fatt qabel ma' l-esponenti li kien ghad fadal imghax dovut minnu lill-esponenti u hallsu d-differenza kollha kemm, fuq bazi ta' compound interest, proprju kif kien talab l-esponenti.*

*...*

*It-Tribunal appozitament jghid li l-pretensjoni tar-Rikorrent li l-imghax fuq refuzjonijiet jinhadem fuq bazi ta' compound interest giet accettata in parte u dana billi ghalkemm mill-atti processwali, inkluzi l-minuti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) b'Nota pprezentata fit-30 ta' April 2015 a fol. 158 sa' 167 tal-process, jirrizulta li d-Dipartiment accetta li jhallas is-somma bilancjali ta' Lm4,087.05 – li kjarament kienet tinkludi komputazzjoni ta' imghax fuq bazi ta' compound interst – l-imghax fuq dik is-somma ma thallasx a bazi ta' komputazzjoni ta' compound interest izda a bazi ta' komputazzjoni bil-metodu ta' simple interest. In fatti l-imghax bir-rata ta' 1% ghal kull xahar jew parti minnu komputat fuq bazi ta' simple interest fuq is-somma ta' €9,520.28 dekoribbli mill-15 ta' Awwissu 2008 – li hija d-data minn meta r-Rikorrent kien qed jippretendi li kellu jibda jiddekorri l-imghax skond ittra lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 18 ta' Ottubru 2006 - sal-15 ta' Gunju 2008 – id-data tal-hrug tal-pagament - ossia fuq firxa ta' 22 xahar, jammonta ghal €2,094.46, li huwa appuntu l-ammont li thallas lir-Rikorrent.*

*Ghaldaqstant, dan l-episodju bejn ir-Rikorrent u d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma jaghtix risposta cara u kristallina daqs kemm jippretendi r-Rikorrent li l-imghax fuq refuzjoni dovuta mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu jigi komputat fuq bazi ta' compound interst u mhux ta' simple interest u lanqas ma jista' jigi kkunsidrat li a bazi ta' hekk l-istess Rikorrent ghandu aspettattiva legittima li l-imghax fuq refuzjonijiet dovuti lilu ghandu dejjem u per forza jigi komputat bil-metodu ta' compound interest.*

*…*

*It-Tribunal josserva li strettament il-mod kif fil-prattika d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkomputa l-imghax fuq it-taxxa mhallsa tardivament mit-taxpayer, ossia kif jidhirlu li ghandu jinterpreta d-disposizzjonijiet tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-imghaxijiet dovuti fuq taxxa imhallsa tardivament u l-appropriation, ma huwiex mertu ta' dawn il-proceduri ghar-raguni li f'dawn il-proceduri t-Tribunal qed jittratta l-interpretazzjoni korretta tar-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, liema provvediment tal-Ligi jipprovdi b'mod car li l-imghax fuq refuzjonijiet dovuti mill-Kummissarju tat-Taxxi lit-taxpayer ghandu jigi komputat bir-rata ta' 1% fix-xahar jew parti minnu fuq il-valur tar-refuzjoni dovuta, liema komputazzjoni kif già iktar 'l fuq osservat ma tirriflettix komputazzjoni bil-metodu ta' compound interest.*

*Detto ciò it-Tribunal ser jittratta l-kwistjoni tal-komputazzjoni ta' l-imghax a tenur tal-provvedimenti opportuni ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-fini li jindirizza l-pretensjoni tar-Rikorrent li fid-dawl tal-mod kif id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkomputa l-imghax fuq taxxa mhallsa tardivament, ossia, skontu, bil-metodu ta' compound interest, huwa ghandu aspettattiva legittima li imghax imhallas lilu mid-Dipartiment ikun ukoll komputat skond il-metodu ta' compound interest.*

*… It-Tribunal huwa tal-fehma pero` li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, in verita` tali aspettattiva legittima ma tissussistix.*

*L-Artikolu 22(2) ta' l-Att XII ta' l-1994 li kien jittratta dwar l-imghax li kien jigi impost fuq il-hlas tardiv tat-taxxa fuq il-valur mizjud, kien jipprovdi li: Ikun dovut imghax fuq kull taxxa li ma tithallasx sad-data meta jkollha tithallas skond dan l-artikolu bir-rata ta' wiehed fil-mija ghal kull xahar jew parti minnu li matulu l-imsemmija taxxa tibqa' ma tithallasx jew b'kull rata ohra li tista' tigi preskritta. L-artikolu 22(4) ta' l-Att XXIII ta' l-1998 kien originarjament jipprovdi l-istess u llum jipprovdi li jkun dovut imghax fuq kull taxxa li ma tithallasx sad-data li fiha jkollha tithallas b'rata li l-Ministru ghandu, minn zmien ghal zmien, jippreskrivi b'regolamenti ghal kull xahar jew parti minnu li l-imsemmija taxxa tibqa' ma tithallasx jew b'kull rata ohra hekk kif jista' jigi preskritt.*

*Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog li tul iz-zminijiet il-Legislatur dejjem ried li: (i) l-imghax jiddekorri biss fuq it-taxxa fuq il-valur mizjud u fuq l-ebda element monetarju iehor nascenti mid-disposizzjonijiet ta' l-Att, ossia mhux ukoll fuq il-penali amministrattivi qual' volta imposti jew fuq l-imghax li jkun iddekorra fuq hlas tardiv tat-taxxa, b'dana ghalhekk li l-kuncett ta' imghax kompost huwa esplicitament eskluz mill-Ligi; u (ii) l-imghax, hi x'inhi r-rata applikabbli minn zmien ghal zmien, dejjem jigi kalkolat ghal kull xahar jew parti minnu, li kif gia osservat iktar 'l fuq f'din id-decizjoni ma jikkostitwixxix imghax komputat bil-metodu ta' compound interest.*

*Hawnhekk it-Tribunal iqis li ghandu jiftah parentesi zghir u cioe` parentesi dwar dak osservat mir-Rikorrent fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu fejn jikkontendi li: Illi jezisti argument iehor in sostenn tat-tezi li, al menu dwar il-perijodu in dezamina qabel ma nbidlet il-Ligi, l-imghax kellu jithallas skond il-metodu ta' compound interest u dan ghaliex il-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tas-sena 1999, li hija l-Ligi li kienet tapplika meta l-esponent kien inghata d-differenza ta' l-imghax bejn compound u simple kif imsemmi fit-tieni argument hawn fuq, kienet tghid hekk: "Interest shall be due on any tax which is not paid by the date on which it becomes payable in accordance with this section at the rate of one per cent for each month or part thereof during which the said tax remains unpaid or at such other rates as may be prescribed. Imbaghad 'Tax' kienet iddefinita fil-ligi bhala: 'means the value added tax chargeable under this Act' u kienet biss permezz ta' emenda sussegwenti li imbaghad id-definizzjoni bdiet tghid 'but does not include an administrative penalty or interest' ...*

*Tali sottomissjoni tar-Rikorrent hija ghal kollox fallaci u bbazata fuq interpretazzjoni opportunista tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif promulgata matul is-snin. Huwa veru li originarjament, kuntrarjament ghal kif inhi s-sitwazzjoni llum, id-definizzjoni tat-terminu 'taxxa' kienet biss it-taxxa fuq il-valur mizjud li tingabar bis-sahha ta' dan l-Att, izda jekk id-disposizzjonijiet tal-Ligi, anke kif kienet fiz-zmien rilevanti, jigu kkunsidrat bil-mod korrett jirrizulta evidenti li l-Legislatur kien qed jirreferi esklussivament ghat-taxxa propria u mhux ukoll ghal kwalunkwe penali amministrattiva w/jew imghax li setghu jigu imposti fuq it-taxpayer. Il-kjarifika li saret fid-definizzjoni tat-terminu 'taxxa' ma hija xejn hlief, appuntu, kjarifika, u cioe li fejn fil-Ligi jidher u jintuza t-terminu 'taxxa' tkun qed issir referenza biss u esklussivament ghat-taxxa propria u xejn iktar. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, it-terminu 'taxxa' kif imfisser originarjament bl-ebda mod ma kien*

*jindika jew juri li kwalunkwe imghax kalkolat a tenur tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kellu jigi komputat bil-metodu ta' compound interest.*

*Dan kollu jfisser ghalhekk li jekk verament, kif allegat mir-Rikorrent, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkomputa l-imghax dovut ghal hlas tardiv tat-taxxa bil-metodu ta' compound interest, allura d-Dipartiment ma jkunx qed jimxi skond kif esplicitament tipprovdi l-Ligi fir-rigward ta' l-imposizzjoni ta' l-imghax. Jekk dan huwa l-kaz, it-Tribunal certament ma jistax jassekonda u jissanzjona tali allegata prassi w addirittura japplika din l-istess allegata prassi mhux konformi mal-provvedimenti tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal sitwazzjonijiet ta' refuzjoni kontemplati fil-Legislazzjoni Sussidjarja 406.01.*

*F'dan l-istadju t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Nazzareno Abela v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et, Appell Nru. 1540/93*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April 2004, fejn fost affarijiet ohra l-Qorti trattat dwar talba tar-Rikorrent f'dawk il-proceduri biex l-intimati jigu ordnati johorgu a favur tieghu, senjatament ghall-omnibuses li kienu gew minnu importati, licenzja ghac-cirkolazzjoni fit-triq in bazi ghall-affermazzjoni li minkejja dak provdut fir-Regolamenti relattivi, l-intimati jew min minnhom kien hareg licenzji ghac-cirkolazzjoni fit-triq vis-a-vis vetturi li kienu iktar ghola minn 3.2 metri. Fir-rigward ta' tali talba l-Qorti Kostituzzjonali osservat illi jekk il-Kummissarju tal-Pulizija llicenzja vetturi li kienu ghola minn 3.2 metri dan ghamlu bi ksur tal-Ligi, izda dan il-fatt ma jiggustifikax li huwa (jew l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku) jkompli jikser il-Ligi billi jillicenzja wkoll il-vetturi ta' l-appellant. L-appellant jista' jkollu rimedji ohra ghal dana l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija, izda certament mhux li jistieden lil din il-Qorti sabiex tordna lill-istess Kummissarju sabiex (jerga') jmur kontra d-disposizzjoni cara tar-regolament in kwistjoni.*

*Fil-fehma tat-Tribunal, dak osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza japplika anke ghall-kaz in ezami. Ladarba l-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kjarament ma tipprovdix ghal komputazzjoni ta' l-imghax dovut meta t-taxxa tithallas tardivament bil-metodu ta' compound interest, u dana minn dejjem hekk kienet, jekk id-Dipartiment, kif allegat mir-Rikorrent, verament jikkomputa l-imghax bil-metodu ta' compound interest ikun effettivament qed imur kontra provvedimenti ferm cari tal-Ligi bil-konsegwenza ghalhekk ma hijiex gustifikata, legali u legittima t-talba tar-Rikorrent biex tali komputazzjoni ta' l-imghax bil-metodu ta' compound interest tigi applikata anke fil-kaz ta' refuzjoni da parte tad-Dipartiment a favur it-taxpayer.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-pretensjonijiet tar-Rikorrent huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u l-imghax provdut u kontemplat fir-Regolament 12 tar-Regolamenti Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Hlas lura ta' Taxxa Tas-Sisa fuq Hazniet Kummercjali), Legislazzjoni Sussidjarja 406.01, huwa, u hekk biss jista' u ghandu jigi ikkunsidrat, imghax komputat bil-metodu ta' simple interest u mhux bil-metodu ta' compound interest'.*

6. L-aggravji tal-appellant huma:

(i) it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għamel interpretazzjoni żbaljata u konsegwenti applikazzjoni ħażina tal-Liġi applikabbli għall-każ;
(ii) it-Tribunal naqas milli jagħti motivazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu;
(iii) it-Tribunal interpreta b' mod żbaljat il-prinċipju tal-isperanza leġittima fil-kamp amministrattiv u applikah ħażin.

7. L-appellat, filwaqt li rrileva li llum in-nomenklatura tiegħu nbidlet għal '*Kummissarju tat-Taxxi'* u li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir fuq punt ta' liġi biss a tenur tal-artikolu 47(1) tal-Kap. 406, wieġeb li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ġusta u timmerita li tiġi konfermata.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

*8.* Din il-Qorti diġa kellha l-opportunità tippronunzja ruħha dwar iż-żewġ preġudizzjali mqajjma mill-appellat fid-deċiżjoni mogħtija reċentement fl-ismijiet ***Brincat's Co. Ltd. vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***.[2]

9. Rigward in-nomenklatura korretta li għandha tiġi użata fil-konfront tiegħu, ir-Regolamenti dwar l-Ekwivalenza ta' Ċerti Referenzi għall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa (Leġislazzjoni Sussidjarja 517.01) jipprovdu li f'kull att ġudizzjarju jew azzjoni ġudizzjarja l-kliem '*Direttur Ġenerali (Taxxa fuqil-Valur Miżjud)'* għandu jitqies li huwa ekwivalenti u li għandu l-istess tifsira u effetti legali bħall-kliem '*Kummissarju tat-Taxxi.*[3]

10. Isegwi għalhekk li ladarba n-nomenklatura tal-appellat indikata fl-okkju u n-nomenklatura attwali tiegħu huma ekwiparabbli bis-saħħa tal-liġi, l-ebda korrezzjoni fl-okkju ma hija meħtieġa.

11. L-appellat ippuntwalizza ulterjorment li l-kompetenza ta' din il-Qorti tirriżulta mill-artikolu 47(1) tal-Kap. 406 **mhux** mill-artikolu 22 tal-Kap. 490 li ġie kkwotat bħala l-bażi legali tal-appell. Isegwi li l-fakoltà ta' appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal hija <u>limitata</u> għall-punt ta' dritt biss.

12. L-artikolu 22(2) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490) jipprovdi:

---

[2] Deċiża fis-16 t' Ottubru 2018.
[3] Regolament 2.

*'Il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell biex tisma' u tiddeċiedi appell minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tkun dik stabbilita fit-Tieni Skeda'*

13. Kif sewwa qal l-appellat, il-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta ma jissemmiex fit-tieni skeda tal-Kap.490. B'dan illi l-kompetenza ta' din il-Qorti biex tisma' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma tirriżultax mill-artikolu 22 tal-Kap. 490.

14. Min-naħa l-oħra l-Kap. 406, li hu liġi speċjali, jipprovdi li kull persuna li tħoss ruħha aġġravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.[4] L-artikolu 44 jipprovdi ukoll sensiela ta' ċirkostanzi fejn kwistjoni tista' tiġi riferita lit-Tribunal minn kull persuna li turi għas-sodisfazzjon tat-Tribunal li għandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju. L-artikolu 47 tal-Kap. 406 imbagħad irid li kull waħda mill-partijiet ta' appell jew ta' referenza lit-Tribunal, li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal, tista', permezz ta' rikors, li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tletin (30) jum mid-data li fiha id-deċiżjoni appellata tiġi notifikata lilha, tagħmel appell minn dik id-deċiżjoni fuq kull **punt ta' liġi biss**.

15. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment kif ġej:

> *'Kull waħda mill-partijiet ta' appell jew ta' referenza lit-Tribunal, li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal, tista', permezz ta' rikors, li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tletin jum mid-data li fiha id-deċiżjoni appellata tiġi notifikata lilha, tagħmel appell minn dik id-deċiżjoni fuq kull punt ta' liġi biss –*
>
> *(i) meta l-ammont totali ta' taxxa, penali amministrattiva u mgħax għall-perjodu jew perjodi ta' taxxa li qed isir appell dwarhom sad-data li l-appell jiġi riċevut mit-Tribunal ikun inqas minn miljun u mija u ħamsin elf euro (€1,150,000), lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ...'*

16. Huwa għalhekk ċar li l-kompetenza ta' din il-Qorti toħroġ mill-artikolu 47(1) tal-Kap. 406 u jista' jsir biss fuq punt ta' liġi. Mill-aggravji hu evidenti li l-appellant qiegħed jilmenta dwar il-mod kif it-Tribunal applika l-liġi.

**L-Ewwel Aggravju.**

17. L-appellant isostni li t-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata u konsegwenti applikazzjoni ħażina tar-Regolament 12 tar-Regolamenti Dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (*Ħlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali* - L.S. 406.01) u naqas milli jipprofondixxi sew legalment dak li tiddisponi l-liġi billi applika analoġija żbaljata fl-interpretazzjoni tar-

[4] Artikolu 43

Regolament b' konsegwenza li applika l-provvedimenti tal-liġi in kwistjoni b' mod skorrett għall-fatti tal-każ.

18. Hija l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li dan l-aggravju huwa fieragħ.

19. Ir-regolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 406.01 jipprovdi kif ġej:

> *'Ikun dovut mill-Kummissarju lil persuna li **jkollu jingħatalha ħlas lura** skond dawn ir-regolamenti **mgħax bir-rata ta' 1% ghal kull xahar jew parti minnu** mid-data meta l-ħlas lura jsir dovut sad-data meta dan jitħallas jew meta cheque jew draft għall-ħlas tiegħu jingħata jew jiġi impustat lil dik il-persuna mill-Kummissarju'.*

20. Jirriżulta manifest minn din id-dispożizzjoni, meħuda fil-kuntest tar-Regolamenti, li l-liġi trid li fuq kull ħlas mill-Kummissarju li jsir wara d-data li tali ħlas isir dovut iġorr miegħu imgħax bir-rata ta' 1% fix-xahar jew parti minnu sad-data meta jsir l-ħlas. Imkien ma jissemma jew jingħata x'jifhem li t-taxpayer għandu jedd għal *compound interest*. Dik hi disposizzjoni li toħloq rata speċjali ta' imgħax.

21. L-appellant jinsisti iżda li l-fatt li din id-dispożizzjoni tipprovdi għal rata ta' imgħax mensili, mhux annwali, neċessarjament tfisser li l-imgħax għandu jinħadem bil-metodu ta' *compound interest.* Jikkontendi li '*li kieku l-leġislatur ried jilħaq l-istess għan sabiex nofs jew parti minn xahar xorta jitqies bħala xahar sħiħ fil-waqt li r-rata tkun maħduma fuq bażi annwali (kif isir issoltu), dan faċilment seta' jagħmlu billi l-leġislatur jipprovdi li l-imgħax "**shall be due on any tax ... at the rate of twelve percent per annum pro rated to the next whole month.**"* Inoltré, a bażi tal-artikolu 958M(10)(b) tal-Kap. 16, liema artikolu espressament jipprovdi li r-rata ta' imgħax hemm prefissa hija <u>bla</u> kumulu, jippretendi min-naħa l-oħra f'dan il-każ hemm dritt għall-*compound interest.* Saħansitra fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2014 xehed:

> *"Jien għalija dik nifhemha 1% fix-xahar, **għax kieku simple interest ighidlek 12% per annum** u jekk igħaddi x-xahar tieħu t-12% division by 12 .....".*

Pero' biex imgħax ikun *simple interest* mhux bilfors jinħadem *per annum*.

22. Fejn il-liġi trid li l-imgħax jinħadem bil-metodu *compound interest*, speċifikament tipprovdi li l-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra.[5] Kuntrarjament għal dak pretiż mill-appellant, il-fatt li dan ir-

[5] Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili.

regolament jipprefiġġi rata ta' imgħax ta' 1% fix-xahar jew parti minnu jfisser biss li, a benefiċċju tat-*taxpayer*, ir-rata ta' imgħax ta' 1% tingħata fis-sħiħ ukoll f' każ li tkun għaddiet biss ġurnata minn dak ix-xahar. Id-distinzjoni bejn dan il-metodu ta' kalkolu u rata annwali hija biss illi f'dan l-aħħar każ, il-persentaġġ jinħadem *pro rata*, ċioé, ġurnata b'ġurnata. Madanakollu, kull waħda minn dawn iż-żewġ metodi hi bażata fuq *simple interest*.

23. Għaldaqstant, il-qorti taqbel mar-ragunament tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

24. L-appellant jilmenta ulterjorment li t-teżi tiegħu hija korraborata mix-xhieda ta' Godwin Valletta, *ex* spettur tal-VAT u l-istatements maħruġa mid-Dipartiment tal-VAT a fol. 189 sa 197.

25. Dawn l-argumenti jirrażżentaw l-apprezzament tal-fatti. F' kull każ, jirriżulta li Godwin Valletta, apparti li xehed b' mod konfużjonarju, kien qiegħed jirreferi għal rifużjonijiet dovuti lill-appellant taħt liġi oħra, ossija l-VAT '95 u speċifikament jgħid li huwa qatt ma ħadem *refunds* a tenur tar-regolamenti mertu tal-appell odjern u m' għandux idea jekk il-1% tinħadimx by *simple* jew *compound interest.*[6]

26. Min-naħa l-oħra, l-istatements maħruġa mid-Dipartiment tal-VAT a fol. 189 sa 197 jirreferu għall-VAT dovuta mill-appellant lill-Kummissarju appellat. Hawnhekk ukoll, ma jsib l-ebda applikazzjoni r-regolament in diżamina in kwantu din hija taxxa dovuta **minn** u mhux lit-*taxpayer.* F'kull każ, il-kaklolu tal-imgħax relattiv ġie spjegat minn Roderick Sultana.[7] Mid-dokumenti u l-kjarifika minnu mogħtija jirriżulta li għall-istess perjodu it-taxxa pagabbli ndikata fil-kolonna *'B'* baqgħat dejjem fl-istess ammont mat-trapass taż-żmien, iżda l-interessi fil-kolonna *'G'* jiżdiedu kull xahar. Jattribwixxi dan il-fatt għall-***appropriation*** li trid issir a tenur tal-liġi tal-VAT sabiex minn kull kreditu ta' taxxa l-ewwel jitnaqqsu l-penali u l-imgħax, u huwa biss sussegwentement li l-bilanċ jitnaqqas mit-taxxa dovuta. Fuq il-bilanċ riżultanti, indikat fil-kolonna kolonna *'F'*, jinħadem imbagħad l-imgħax bir-rata ta' 1%. B' dan il-proċess l-imgħax baqa' jiżdied sakemm finalment wasal sal-massimu ta' 1% fuq it-taxxa dikjarata / *'it-taxxa pura'*, ossija ta' 1% fuq fl-ammont ta' Lm1,121.02, li jammonta għal Lm11.21.

---

[6] Fol. 76.
[7] Fol. 110 – 114.

27. Huwa minnu li bħala stat ta' fatt, bejn il-15.09.1996 u 15.05.1997 u l-15.08.1998 sal-15.09.2000, l-*imsemmi appropriation method* jagħti l-istess eżitu matematiku daqs li kieku l-imgħax ġie akkumulat kull xahar mat-taxxa attwalment dovuta (wara t-tnaqqas il-kreditu rispettiv) u l-imgħax tax-xahar ta' wara nħadem fuq it-total. Madanakollu, jirriżulta ukoll li meta l-imgħax laħaq il-massimu ta' Lm11.21, ossija 1% fuq it-taxxa dikjarata ta' Lm1,121.02, għall-perjodu bejn il-15.06.1997 sal-15.06.1998, l-imgħax ma kompliex jiżdied b' dak il-mod.

28. Jirriżulta lil din il-Qorti li l-liġi tal-VAT minn dejjem kienet tipprovdi għall-*appropriation method* li għalih jagħmel referenza x-xhud Roderic Sultana. L-artikolu 55 tal-Att Nru. XII tal-1994, qabel ma ġie imħassar bl-introduzzjoni tas-sistema ta' taxxa tas-sisa fuq importazzjonijiet, prodotti u servizzi, kien jipprovdi kif ġej:

> *'55. (1) Meta jkun <u>dovut</u> xi mgħax minn persuna skond dan l-Att, kull ħlas li dik il-persuna taghmel lill-Kummissarju għandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna, fuq dak l-imgħax qabel ma jitqassam fuq xi taxxa.*
>
> *(2) Bla ħsara ghad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu meta tkun <u>dovuta</u> xi taxxa addizzjonali minn persuna, kull ħlas li jsir minn dik il-persuna lill-Kummissarju għandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna ghall-kuntrarju, fuq dik it-taxxa addizzjonali qabel ma jitqassam fuq xi taxxa oħra'.*

29. Dispożizzjoni prattikament identika kienet tinsab ukoll fl-Att dwar it-Taxxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Kap. 395 tal-Liġijiet ta' Malta)[8] u l-istess kunċett inżamm ukoll fl-Att XXIII tal-1998 li permezz tiegħu ġie mħassar il-Kap. 395 u daħal fis-seħħ il-Kap. 406.[9] L-artikolu 67 tal-Kap. 406, qabel ma ġie eventwalment sostitwit permezz tal-Att XII. 2014,[10] kien jaqra kif ġej:

> *'67. (1) Meta jkun dovut xi mgħax <u>minn persuna fuq xi taxxa</u>, ħlief taxxa li tista' tinżamrn riżervata skond id-dispozizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kull ħlas li dik il-persuna tagħmel lill-Kummissarju għandu jitqassarm, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna, fuq dak l-imgħax qabel ma jitqassam fuq xi taxxa.*
>
> *(2) Bla ħsara għad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu meta tkun <u>dovuta</u> xi penali amministrattiva minn persuna, ħlief għall-penali li tista' tinżamm riżervata skond id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kull ħlas li jsir minn dik il-persuna lill-Kummissarju għandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni*

[8] Artikolu 55 tal-AttXII tal-1997
[9] Artikolu 67 tal-Att XXIII tal-1998
[10] Emenda 81

*ta' dik il-persuna għall-kuntrarju, fuq dik il-penali amministrattiva qabel ma jitqassarm fuq xi taxxa oħra.*

*(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, ħlief taxxa li tista' tinżamm riżervata skond id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, tkun <u>dovuta</u> għal iktar minn darba kull ħlas li jsir minn dik il-persuna lill-Kummissarju għandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna għall-kuntrarju, fuq dik it-taxxa li tkun dovuta l-ewwel qabel rna jitqassarm fuq it-taxxa li tkun saret dovuta wara'.*

30. Dan l-*appropriation method*, applikabbli fil-kalkolu tal-imgħax għal dak li jikkonċerna l-VAT dovuta mill-appellant lill-appellat għall-perjodu mertu tar-rendikont eżebit a fol. 189 sa 197, ma jirriżultax li japplika taħt ir-regolamenti in diżamina b' dan illi l-analoġija ma treġix.

31. L-appellant jargumenta għal darb' oħra li l-liġi għandha tiġi nterpretata sabiex dispożizzjoni partikolari tingħata tifsira u jinsisti illi kieku l-artikolu in kwistjoni jingħata t-tifsira li jrid il-Kummissarju appellat, id-dispożizzjoni in kwistjoni tiġi superfluwa.

32. Din il-Qorti diġa esprimiet ruħha fir-rigward u ttenni li matematikament l-argument tal-appellant huwa fieragħ. Il-fatt ir-regolament in kwistjoni jippreferiġġi rata ta' imgħax ta' 1% fix-xahar jew parti minnu jfisser biss li, a benefiċċju tat-*taxpayer*, ir-rata ta' imgħax ta' 1% tingħata fis-sħiħ anké f' każ li tkun għaddiet biss ġurnata minn dak ix-xahar. Id-distinzjoni bejn dan il-metodu ta' kalkolu u rata annwali hija biss illi f' dan l-aħħar każ, il-persentaġġ jinħadem *pro rata*, ċioé, ġurnata b' ġurnata. Madanakollu, <u>kull waħda minn dawn iż-żewġ metodi tinħadem b' *simple interest*</u> u effettivament tagħti **riżultat matematiku differenti** f' dawk il-każijiet kollha fejn il-Kummissarju ma jirrifondix l-ħlas dovut eżattament fl-aħħar tax-xahar.

33. Hekk kif ġustament osserva t-Tribunal:

*'jekk is-somma ta' €50 dovuta lil taxpayer tithallas erba' xhur u nofs tard, l-imghax komputat b'rata ta' 12% fis-sena jkun ta' **€2.25** mentri l-imghax komputat b'rata ta' 1% fix-xahar jew parti minnu jkun ta' **€2.50**. Kieku verament kellu jigi adottat il-metodu ta' compound interest kif pretiz mir-Rikorrent – fejn f'dan il-kaz ikun kalkolat kull xahar peress illi r-rata hija ta' 1% fix-xahar jew parti minnu – l-imghax dovut ikun ta' **€2.57**'.*

34. L-appellant jargumenta ukoll li minkejja li l-liġijiet fiskali għandhom jiġu nterpretati b'mod restrittiv, it-Tribunal addirittura applika l-liġi lil' hinn minn dak ikkontemplat fiha.

35. Il-qorti ma taqbilx, u anzi t-Tribunal qagħad fuq dak li strettament jiddisponi r-regolament in kwistjoni. Hekk kellu jagħmel meta ġie biex japplika regolament 12 għall-każ li kellu quddiemu.

36. L-appellant semma punt ieħor li kien diġa qajjem fl-ewwwl stadju, u li ġie wkoll indirizzat mit-Tribunal. Jinsisti madanakollu bl-argument li l-emenda fid-definizzjoni tal-kelma '*taxxa*', sabiex din saret teskludi espliċitament kull penali amministrattiv jew imgħax, ifisser li qabel id-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda il-kelma '*taxxa*' kienet tinkludi l-imgħax ukoll. Ikompli li peress li l-leġislazzjoni sussidjarja 406.01 daħlet fis-seħħ fl-1999, ossija qabel ma t-tifsira tal-kelma '*taxxa*' fl-Att prinċipali ġiet hekk emendata, allura għandha tiġi applikata d-definizzjoni tal-kelma '*taxxa*' kif oriġinarjament promulgata, ossija, id-definizzjoni li fil-fehma tal-appellant tinkludi l-imgħax ukoll. L-appellant jilmenta li t-Tribunal naqas milli japprofondixxi fuq dan il-punt u naqas ukoll milli jinterpreta l-liġi in kwistjoni b' mod rigoruż.

37. Argument li fil-fehma tal-qorti hu fieragħ. Fl-ewwel lok, huwa manifest, fil-kuntest tar-rikorrenza tal-kelma '*taxxa*' fil-kuntest sħiħ tal-Att, li l-pretensjoni tal-appellant hi żbaljata għal kollox. Inoltré, dak li ma jgħidx l-appellant hu li l-imsemmija emenda fid-definizzjoni tal-kelma '*taxxa*' saret permezz tal-Att X tal-2003, meta ġew sostitwiti jew emendati **l-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 406** qabel is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, dik l-emenda ma saritx minħabba li kien hemm inċertezza dwar xi tfisser il-kelma '*taxxa*'.

38. F' kull każ, il-fatt li l-leġislatur emenda t-tifsira tal-kelma '*taxxa*', anké jekk din kienet intiża bħala emenda kjarifikatorja, ma jfissirx li qabel l-emenda in kwistjoni l-kelma '*taxxa*' kienet tinkludi fiha l-imgħax kif pretiż mill-appellant. Din il-Qorti tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal fir-rigward għaliex taqbel mal-istess konsiderazzjonijiet:

> *'Tali sottomissjoni tar-Rikorrent hija ghal kollox fallaci u bbazata fuq interpretazzjoni opportunista tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif promulgata matul is-snin. Huwa veru li originarjament, kuntrarjament ghal kif inhi s-sitwazzjoni llum,* ***id-definizzjoni tat-terminu 'taxxa' kienet biss it-taxxa fuq il-valur mizjud li tingabar bis-sahha ta' dan l-Att****, izda jekk id-disposizzjonijiet tal-Ligi, anke kif kienet fiz-zmien rilevanti, jigu kkunsidrat bil-mod korrett jirrizulta evidenti li* ***l-Legislatur kien qed jirreferi esklussivament ghat-taxxa propria u mhux ukoll ghal kwalunkwe penali amministrattiva w/jew imghax li setghu jigu imposti fuq it-taxpayer****. Il-kjarifika li saret fid-definizzjoni tat- terminu 'taxxa' ma hija xejn hlief, appuntu, kjarifika, u cioe li fejn fil-Ligi jidher u jintuza t-terminu 'taxxa' tkun qed issir referenza biss u esklussivament ghat-taxxa propria u xejn iktar.*

*Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, it-terminu 'taxxa' kif imfisser originarjament bl-ebda mod ma kien jindika jew juri li kwalunkwe imghax kalkolat a tenur tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kellu jigi komputat bil-metodu ta' compound interest'.*

39. Imbagħad l-appellant isemmi allegata '*prassi*' tad-Dipartiment li jħallas l-imgħax bil-metodu tal-*compound interest*, u dan b'riferenza għall-pagament addizzjonali fuq rifużjoni li rċieva fil-15 ta' Ġunju 2008. Jikkontendi li '*għal xi raġuni mhux spjegata*' it-Tribunal skarta għal kollox ix-xhieda ta' Godwin Valletta minn fejn tirriżulta ċara tali '*prassi*' da parti tal-appellat.

40. Dwar dan, it-Tribunal osserva:

*'Il-fatti wara din il-kwistjoni partikolari huma s-segwenti: ir-Rikorrent kien appella minn numru ta' stimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Dawn l-istimi kienu kollha nhargu fis-16 ta' Gunju 1998 u komplessivament kienu jammontaw ghal Lm8,151.16. Ir-Rikorrent irnexxa fl-appell tieghu mill-imsemmija stimi u l-istess gew ikkancellati bil-konsegwenza li s-somma ta' Lm8,151.16 kellha tigi rifuza mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud lir-Rikorrent. Fis-16 ta' Awwissu 2006 id-Dipartiment hallas lir-Rikorrent is-somma ta' Lm17,525.04, izda r-Rikorrent gharraf lid-Dipartiment li skond il-konteggi tieghu – konteggi komputati a bazi ta' compound interest – l-ammont globali dovut lilu kien ta' Lm21,612.90 b'dana li kien fadal bilanc ta' Lm4,087.86 dovut lilu bl-imghax ulterjuri dekoribbli mill-15 ta' Awwissu 2006. Bhala fatt it-talba tar-Rikorrent giet accettata u fil-15 ta' Gunju 2008 inhareg pagament a favur tar-Rikorrent fl-ammont komplessiv ta' €11,614.74 konsistenti fis-somma ta' €9,520.28 (ekwivalenti ghal Lm4,087.05) bhala sorte u s-somma ta' €2,094.46 (ekwivalenti ghal Lm899.15) rapprezentanti l-imghax fuq is-sorte. B'dan il-pagament giet in parte accettata l-pretensjoni tar-Rikorrent li r-refuzjoni tas-somma ta' Lm8,151.16 kienet dovuta lilu bl-imghax komputat fuq bazi ta' compound interest.'*

41. Jirriżulta li Godwin Valletta, l-imsemmi ex spettur tal-VAT li pproċessa din it-talba, **straħ fuq l-*workings* tal-appellant u b'hekk għadda dik l-informazzjoni lis-superjuri tiegħu li approvaw il-pagament**:[11]

*'246 – 'Ms J Hefney, ... please note that the taxpayer has paid all assessments on 15/10/00. I checked every tax period to see what happened ... Then the board gave his sentence and taxpayer was refunded. The difference between the refund and the taxpayer workings resulted on interest on pending credits which status in the system was manual.* ***So no interest was generated. I discussed the issue with Mr Casaletto and agreed that the system didn't generate any interest since interest status was manual. As regards the taxpayers workings they are correct ...'***[12]

---

[11] Fol. 138 sa 157.
[12] enfasi tal-Qorti.

*247 – Mr G Valletta, Therefore If I understood minute 246 correctly,* ***taxpayer was not paid interest which was due to him. Is this correct?*** *Then if so, action should have been taken to pay interest as is done in all other cases.'* .[13]

42. Tant din ma kinitx xi prassi li l-ammont ta' Lm4,087.86 inserit manwalment fis-sistema kompjuterizzata tad-Dipartiment.[14] Minħabba f' hekk, sar żball fil-bażi tal-komputazzjoni peress li s-somma minnu mitluba ta' Lm4,087.86 (ekwivalenti għal €9,522.15) ġiet meqjusa bħala sorte u fuqha s-sistema awtomatikament iġġenerat rifużjoni ulterjuri fl-ammont ta' Lm899.15 (ekwivalenti għal €2,094.46) rappreżentanti 1% fix-xahar jew parti minnu għal 22 xahar.[15] B' kollox għalhekk, l-appellant tħallas is-somma ta' €11,614.74.[16] Jirriżulta għalhekk li l-metodu adoperat mid-Dipartiment, għalkemm ibbażat fuq premessa ħażina, f'kull każ wieħed ta' *simple interest.*

43. Fuq kollox, jekk id-Dipartiment ma kienx qiegħed jimxi ma' dak li tipprovdi l-liġi, dan ma jintitolax lit-*taxpayer* għal xi dritt kweżit. Fil-kawża fl-ismijiet ***Kirton & Co. Limited (C 180) vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża fit-23 ta' April, 2018 din il-Qorti diġa esprimiet ruħha fis-sens illi a tenur tal-liġi nostrana, senjatament l-artikolu 1021 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak lil minn għandu jkun irċiviha bla jedd. Isegwi għalhekk li l-fatt li d-Dipartiment tal-VAT għamel pagamenti ta' rifużjonijiet indebiti ma jagħti l-ebda dritt kweżit lill-appellant li jiġi applikat l-istess metodu ta' komputazzjoni żbaljat f' kull każ futur, kif pretiż minnu.

44. Dan l-aggravju huwa għalhekk infondat u qiegħed jiġi respint.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

45. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant imbagħad jallega li t-Tribunal naqas milli jagħti motivazzjoni għal dik il-parti tad-deċiżjoni tiegħu fejn qal:

*'Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog li tul iz-zminijiet il-Legislatur dejjem ried li: (i) l-imghax jiddekorri biss fuq it-taxxa fuq il-valur mizjud u fuq l-ebda element monetarju iehor nascenti mid-disposizzjonijiet ta' l-Att, ossia mhux ukoll fuq il-penali ammininstrattivi qual' volta imposti jew fuq l-imghax li jkun*

---

[13] Fol. 140 -141.
[14] Fol. 179, 182 – 183 u 185.
[15] Fol. 185.
[16] Fol. 47 – liema somma ntalbet lura permezz ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' April 2015 (kopja eżebita a fol. 143).

*iddekorra fuq hlas tardiv tat-taxxa, b'dana ghalhekk li l-kuncett ta' imghax kompost huwa esplicitament eskluz mill-Ligi; u (ii) l-imghax, hi x'inhi r-rata applikabbli minn zmien ghal zmien, dejjem jigi kalkolat ghal kull xahar jew parti minnu, li kif gia osservat iktar 'l fuq f'din id-decizjoni ma jikkostitwixxix imghax komputat bil-metodu ta' compound interest'.*

46. Għal darb'oħra dan l-aggravju huwa fieragħ. L-appellant jinjora għal kollox li fil-paragrafu immedjatament preċedenti għal dak li rrefera għalih, it-Tribunal ikkunsidra illi:

*'L-Artikolu 22(2) ta' l-Att XII ta' l-1994 li kien jittratta dwar l-imghax li kien jigi impost fuq il-hlas tardiv tat-taxxa fuq il-valur mizjud, kien jipprovdi li: Ikun dovut imghax fuq kull taxxa li ma tithallasx sad-data meta jkollha tithallas skond dan l-artikolu bir-rata ta' wiehed fil-mija ghal kull xahar jew parti minnu li matulu l-imsemmija taxxa tibqa' ma tithallasx jew b'kull rata ohra li tista' tigi preskritta. L-artikolu 22(4) ta' l-Att XXIII ta' l-1998 kien originarjament jipprovdi l-istess u llum jipprovdi li jkun dovut imghax fuq kull taxxa li ma tithallasx sad-data li fiha jkollha tithallas b'rata li l-Ministru ghandu, minn zmien ghal zmien, jippreskrivi b'regolamenti ghal kull xahar jew parti minnu li l-imsemmija taxxa tibqa' ma tithallasx jew b'kull rata ohra hekk kif jista' jigi preskritt'.*

47. Kemm mill-paragrafu surriferit kif ukoll mid-deċiżjoni fl-assjem tagħha, il-motivazzjoni in sostenn tal-konklużjonijiet raġġunti mit-Tribunal, hija għalhekk ċara.

48. F'kull każ, huwa prinċipju stabbilit li ġudikant mhuwiex tenut li joqgħod jivvaluta singolarment ir-riżultanzi proċesswali kollha jew li jikkonfuta l-argumentazzjonijiet kollha tal-partijiet b'rikjam għal-liġi iżda huwa suffiċjenti li wara li jivvaluta l-argumenti taż-żewġ naħat fil-kumpless tagħhom, jindika dawk l-elementi li fuqhom hu jkun qed jibbaża l-konvinċiment tiegħu.[17]

49. Jirriżulta a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li s-sentenza appellata hija ampjament konformi mal-vot tal-liġi fis-sens illi hi bażata fuq raġunijiet ċari u mirquma li jindirizzaw fis-sħiħ l-ilmenti tal-appellant b'riferenza dettaljata għall-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

50. A skans ta' ripetizzjoni u dilungar inutli, safejn l-appellant jerġa jirrepeti l-istess lanjanzi li ressaq fl-ewwel aggravju, din il-Qorti tirreferi għal dak li diġa ntqal.

51. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

---

[17] ***Mercieca Joseph vs Depasquale Melvin***, deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Mejju 2006.

## **It-Tielet Aggravju.**

52. Permezz ta' l-aħħar u t-tielet aggravju, l-appellant jilmenta li t-Tribunal interpreta ħażin il-prinċipju tal-isperanza leġittima fil-kamp amministrattiv u applikah ħażin meta rrefera għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Nazzareno Abela v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***. L-appellant ikompli jinsisti li fil-passat kienet il-prassi tad-Dipartiment li jħallas l-imgħax fuq rifużjonijiet bil-metodu ta' *compound interest*. Għalhekk semmai kellhom japplikaw l-insenjamenti ġuridiċi fil-każ fl-ismijiet ***London Services Limited vs il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża minn din il-Qorti fis-6 t' Ottubru 2004 u d-deċiżjoni fl-ismijiet ***Swift Rent-a-Car Limited vs Kummissarju tal-VAT*** deċiża mill-Bord tal-Appell fit-28 ta' Ottubru 2004 u kkonfermata minn din il-Qorti diversament presjeduta.

53. Din il-Qorti diġa eżaminat l-aggravju dwar l-allegata '*prassi*' tad-Dipartiment. Jirriżulta li dik ma kienet prassi xejn iżda żball ta' darba minħabba l-fatt li uffiċjal tad-Dipartiment straħ fuq il-*workings* tal-appellat. Tant ma kinitx prassi li l-bażi tar-rifużjoni ġiet inserita fis-sistema tad-Dipartiment manwalment u ma ġietx ġenerata mis-sistema.

54. Jiġi mtenni ukoll illi f' kull każ, jekk id-Dipartiment ma kienx qiegħed jimxi skont dak li trid il-liġi, dak il-fatt ma jagħtix lit-*taxpayer* dritt kweżit fir-rigward ta' kif għandu jiġi komputat l-imgħax fuq it-taxxa li għandu dritt li jitħallas lura. Hekk kif jirriżulta mill-artikolu 1021 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak lil minn għandu jkun irċiviha bla jedd. Isegwi għalhekk li l-fatt li d-Dipartiment tal-VAT għamel pagamenti li ma kinux dovuti ma jagħti l-ebda dritt kweżit lill-appellant li f' kull każ futur jkompli jitħallas bl-istess metodu żbaljat.[18]

55. Lanqas ma japplikaw il-prinċipji li nsiltu mid-deċiżjonijiet li għalihom għamel referenza l-appellat. Dan in kwantu ma jirriżultax li fil-każ *de quo* il-Kummissarju esprima ruħu jew ta' informazzjoni jew xi *ruling*/ interpretazzjoni/konċessjoni lill-appellant li kienet tikkonforta t-teżi tiegħu. Anzi l-appellant stess ikkonferma li kull meta għamel l-argument mal-uffiċjali tad-Dipartiment, dejjem kien infurmat li tħallas dak kollu li kien dovut lilu.[19]

---

[18] ***Kirton & Co. Limited (C 180) vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' April, 2018.
[19] Fol. 6.

56. Ġara biss li bi żball, fuq rifużjoni oħra li saret lill-appellant li lanqas mhi dik oġġett tal-kawża, uffiċjal fi ħdan id-Dipartiment straħ fuq il-*workings* li kien ippreżentalu l-appellant u konsegwentement tħallas imgħax li ġie parzjalement komputat by *compound interest.* Il-qorti diġa spjegat għalfejn dan il-fatt ma kienx jagħti lok għal tama leġittima.

57. Għaldaqstant, tiċħad ukoll it-tielet aggravju.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.